# INTRODUZZJONI MILL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA

Sabiex il-pulizija fi kwalunkwe pajjiż taħdem tajjeb, tiddependi bil-bosta fuq l-opinjoni tal- pubbliku kif ukoll fuq ir-rieda li li l-pubbliku jkollu biex jgħin lill-pulizija. Malta m'hix eċċezzjoni. Ftit taż-żmien ilu, żewġ sondaġġi independenti wrew, li l-pulizija f'Malta tgawdi l-fiduċja u r-rispett ta' madwar tmenin fil-mija ta' dawk kollha li ħadu sehem. Naħseb, li kieku wieħed ikollu jippressa 'l dawk li għamlu dawn il-kummenti pożittivi fuq il-membri tal-Korp tagħna, u jistaqsihom il-għala għamlu hekk, jasal biex ma jsib l-ebda raġuni konvinċenti għar-risposti tagħhom. Għaliex? Forsi ħafna faslu t-tweġibiet tagħhom minħabba s-soċjeta' ordnata li ngħixu fiha, jew minħabba l-fatt li l-membri tal-Korp tagħna ma jġorrux armi bħala miżura ta' rutina sabiex jaqdu d-doveri tagħhom ta' kuljum. Jista' jkun ukoll, minħabba r-rispons pront tagħna kull meta tinqala' xi emerġenza.

Mingħajr dubju, dawn huma kollha fatturi li jagħtu impressjoni tajba lill-opinjoni pubblika - relazzjonijiet essenzjali u neċessarji. Iżda fil-fatt, m'huma xejn għajr indikazzjonijiet sekondarji ta' dawk li għandhom ikunu relazzjonijiet msejsa fuq rejaltajiet aktar sinjifikanti, jiġifieri -

- l-għarfien tal-limitazzjoni tal-poteri tagħna fid-dritt;
- il-kontabbilita' għall-azzjonijiet tagħna lejn il-liġi; u
- l-fedelta' lejn il-ġurament tal-ħatra tagħna li naqdu dmirna skond il-liġi, mingħajr biża' jew favuri, ġibda jew mibegħda.

Dawn huma l-prinċipji li l-osservanza skrupoluża tagħhom, ittejjeb il-kunfidenza tal-pubbliku fina. Hi essenzjali wkoll, il-manjiera ta' kif aħna naqdu dmirijietna. Dan hu indispensabbli u jiddetermina kif il-pubbliku jħares lejna.

Huwa f'dan il-kuntest, li l-Korp qed jikkonċentra bis-sħiħ fejn qed iħejji sett ta' *standards* sabiex itejjeb il-professjonalita' tal-membri *kollha* tiegħu. Fuq livell legalistiku, *l-Att dwar il-Pulizija*, se jkompli jsaħħaħ il-kredibilita' u l-kontabbilita' tal-Korp bil-ħolqien ta' kontrolli ġodda fuq ħidmietu. Minn dan il-qafas legali, kif ukoll minn liġijiet oħrajn li jinsabu fis-seħħ, wieħed jinnota li jippermjaw ukoll ċertu prinċipji etiċi li jorbtu 'l kull membru tal-Korp fil-qadi ta' dmirijietu/ha. Dan hu l-għan ta' dan il-ktejjeb - li jdomm f'dokument wieħed dawn il-prinċipji li għandhom jiggwidaw l-imġieba u l-kondotta ta' kull membru tal-Korp tagħna.

Aħna, bħala membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, ġejna mogħtija ċertu poteri mill-istat (ultimament mill-istess nies li nservu) sabiex inħarsu prinċipji u drittijiet legali li s-soċjeta' tagħna tħoss li huma indispensabbli sabiex jitħares il-ġid komuni. Dawn il-poteri u doveri li rridu neżercitawhom fil-ħidma tagħna ta' kuljum, jistgħu jwassluna sabiex saħansitra nillimittaw id-drittijiet ta' individwi sabiex nipproteġu d-drittijiet ta' individwi oħra. Ċertament, li l-poter sinjifikanti bħall-arrest, joħloq responsabbilita' serja tant li l-użu tiegħu għandu jkun iggwidat mhux biss mil-liġi, iżda wkoll minn prinċipji morali kif ġew ennunċjati f'dan id-dokument.

Għaldaqstant, kull membru tal-Korp għandu jirsisti billi kuljum, f'kull ħin u fi kwalunkwe ċirkostanza, l-imġieba tiegħu tkun tirrifletti ż-żelu tiegħu lejn l-osservanza ta' dan il-Kodiċi.

Nispera li dan il-ktejjeb iservi sabiex titqajjem dik il-kuxjenza etika meħtieġa għall-aktar professjonalita' fi ħdan il-Korp tagħna.

**John Rizzo**
Kummissarju
Floriana, April, 2005

# L-IRWOL U L-MISSJONI TAGĦNA FIL-KORP TAL-PULIZIJA

Il-Missjoni tal-Korp tal-Pulizija hija -

**"li jħares u jżomm lil Malta bħala stat sikur"** [1]

Il-Viżjoni tal-Korp tal-Pulizija hija -

**"li jkabbar ir-rispett, dinjita' u fiduċja tal-pubbliku billi jiddistingwi ruħu fl-istrateġiji, tmexxija w aġir, bhala Korp iddedikat, professjonali, onest u responsabbli".**[2]

Skond il-liġi, dan nistgħu nwettquh billi -

(a) nżommu l-ordni u l-kwiet pubbliku, ma nħallux li jsiru reati, nġibu 'l quddiem u nwettqu t-tħaris tal-liġijiet bħala l-ewwel garanzija tad-drittijiet ta' kull persuna f'Malta ukoll qabel ma tkun meħtieġa xi azzjoni permezz tas-sistema ġudizzjarja għar-ripressjoni, sanzjoni jew rimedju ta' xi ksur;

(b) nirrispondu minnufih għal kull talba għall-ħarsien u l-intervent tal-liġi;

(ċ) napplikaw il-liġi mingħajr ebda diskriminazzjoni minħabba f'xi raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, il-lingwa, ir-reliġjon, il-fehma politika jew xi fehma oħra, l-oriġni nazzjonali jew soċjali, l-assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, il-propjeta', it-twelid jew kull status ieħor;

(d) li nġibu 'l quddiem il-koeżistenza ordinata u paċifika tal-persuni kollha f'Malta, filwaqt li nieħdu ħsieb kif dovut mhux biss tad-drittijiet dwar il-propjeta' privata imma wkoll dwar il-propjeta' pubblika;

(e) nfittxu li nħarsu l-ambjent bħala parti mill-ġid komuni;

(f) ngħinu, f'limiti raġonevoli, lil kull persuna li tkun qed tfittex l-għajnuna ta' pulizija jew xi uffiċjal pubbliku ieħor ukoll jekk ir-responsabbilita' biex fl-aħħar mill-aħħar tiġi pprovduta dik l-għajnuna ma tkunx tappartjeni lill-Korp;

(g) inwettqu onestament u effettivament dawk id-dmirijiet kollha lilna assenjati kemm bl-*Att dwar il-Pulizija* jew b'xi liġi oħra.[3]

Filwaqt li l-liġi turina x'azzjoni għandha tittieħed, mhux dejjem insibu fil-liġi l-mod ta' kif għandna nieħdu dik l-azzjoni neċessarja biex nilħqu l-għanijiet tagħna hawn fuq imsemmija. Għaldaqstant, fi kwalunkwe tip ta' deċizjoni li nkunu se nieħdu fil-qadi ta' dmirijietna, għandna naraw li fuq kollox, nipprovdu servizz ta' kwalita' kemm lill-pubbliku u kemm liċ-ċittadin individwali billi nżommu l-ogħla *standards* ta' integrita', rispett, kontabbilita', professjonalita' u effiċjenza.[4]

---

[1] Pjan Strateġiku tal-Korp tal-Pulizija - *L-Impenn Tagħna 1999-2001, Il-Korp Tiegħek*, p.4.
[2] *Ibid.*
[3] *Att dwar il-Pulizija*, Kap. 164, artikolu 4.
[4] Ara l-Valuri Organizzattivi tal-Korp tal-Pulizija, *Pjan Strateġiku tal-Korp tal-Pulizija*, *op. cit.*, p.4, riprodotti wkoll f'Anness "A" ta' dan id-dokument.

## L-OSSERVANZA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U TAL-LIĠI

### PRINĊIPJI

- **Ħadd mhu 'l fuq mil-liġi;**
- **Id-dinjita' tal-bniedem għandha tiġi rispettata f'kull ħin u f'kull ċirkostanza;**
- **Il-libertajiet u d-drittijiet ta' kull persuna huma mnaqqxa fil-Kostituzzjoni, fil-liġijiet domestiċi u fir-regolamenti li joħorġu minn żmien għal żmien mill-Korp tal-Pulizija. Fost l-aktar importanti nsibu -**

  1. **id-dritt tal-ħajja,**
  2. **il-projbizzjoni ta' tortura jew trattament inuman u degradanti,**
  3. **il-preżunzzjoni ta' l-innoċenza,**
  4. **id-dritt tas-silenzju,**
  5. **id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni.**

### KUMMENTARJU

Id-drittijiet tal-bniedem huma fost l-aktar ħwejjeġ fundamentali li persuna jista' jkollha. Huma l-ikel u l-kenn tant neċessarji sabiex persuna tgħix. Huma universali u għaldaqstant protetti b'liġijiet kemm internazzjonali u kemm domestiċi. Għalhekk, m'hemmx dubju li f'soċjeta' demokratika bħal ma hi tagħna, kull individwu għandu d-dritt għad-tgawdija tal-libertajiet fundamentali tiegħu minn restrizzjonijiet mhux xierqa. Il-protezzjoni u r-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem huma żewġ aspetti importanti f'xogħolna. Bħala aġenti ta' l-istat Malti, kull nuqqas f'dan ir-rigward jirrifletti ferm ħażin fuq imġibitna aktar u aktar meta rridu niftakru li l-Korp tal-Pulizija hu wieħed mill-protetturi ewlenin tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fis-soċjeta' Maltija.

Bħala membru tal-Korp, int qatt ma tista' tkun iġġustifikat li tikser xi wieħed minn dawn id-drittijiet fundamentali sabiex tinforza xi liġi oħra. Dan hu proprju l-limitu impost mil-liġi fuq il-poteri tagħna. Sfortunatament, għalkemm id-drittijiet fundamentali tal-bniedem huma mħarsa bil-liġi, b'dawk il-limitazzjonijiet fejn wieħed jista' jidderoga minnhom[5], jista' jkun hemm ċertu uffiċjali tal-pulizija li waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jiksru l-liġi li tipproteġi dawn id-drittijiet fundamentali fl-infurzar ta' xi liġi oħra. Dan qatt m'hu ittollerat. Jekk jiġri hekk, jinħoloq paradoss fis-sens li dawn l-uffiċjali tal-pulizija ma jkunux qegħdin inaqqsu l-kriminalita' u d-diżordni, iżda jkunu qed iżiduha.

M'hemmx għalfejn ngħidu li bħala pulizija - u bħal kull individwu ieħor f'Malta - jekk aħna niksru l-liġi jew neċċedu l-poteri tagħna, nistgħu niġu mtellgħa l-Qorti kemm kriminalment u kemm ċivilment. Hekk ukoll ġejna mgħallma - fil-bidu tal-karriera tagħna - li ubbidjenza għall-ordnijiet, mhux difiża jekk l-ordni tkun *manifestament* u *kjarament* illeġittima jew inkella jkun hemm xi abbuż ta' poter min-naħa tagħna biex inwettquha.

[5] Ara Kapitolu IV tal-*Kostituzzjoni ta' Malta* u Kap. 319 - *Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea*.

Ċertament jista' jkun att illegali u kontra kull prinċipju etiku, li uffiċjal tal-pulizija jagħti ordni lis-subaltern tiegħu, jieħu miżura dixxiplinarja jew inkella xi sanzjoni oħra jekk dan ikun irriffjuta li jessegwixxieha.[6]

Għaldaqstant, bħala membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta għandna nassiguraw li -

- nirrispettaw id-dinjita' ta' kull bniedem irrispettivament mill-azzjonijiet li jkun wettaq;

- naqdu dmirna dejjem fil-parametri tal-liġi, fejn għandna nżommu strettament mal-poteri mogħtija lilna.[7] Dan għandna nagħmluh mingħajr biża', favuri, ħażen jew malizzja u b'imparzjalita' assoluta; u

- nkattru relazzjoni ta' fiduċja u rispett reċiproku mal-komunita' u maċ-ċittadini individwali, irrispettivament min-nazzjonalita', razza, kulur, klassi, livell ta' edukazzjoni, reliġjon, sess jew fehma politika.

---

[6] Ara Artikolu 14 tal-*Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem* u para. 35 tal-*European Code of Police Ethics*.

[7] Ara artikolu 349(1) tal-*Kodiċi Kriminali* - Kap. 9.

## L-Obbligi tagħna lejn il-Komunita’

### Prinċipji

- **Il-membri tal-Korp tal-Pulizija għandhom jaqdu d-doveri tagħhom fil-komunita’ b’ċertu korteżija, integrita’, paċenzja u fuq kollox, b’sens ta’ ġustizzja. Waqt li jkunu għaddejjin b’xi investigazzjoni fuq xi membru/i tal-pubbliku, il-ġbir t’informazzjoni jew ta’ data oħra personali għandu ssir kemm jista’ jkun b’mod diskret. Kull membru tal-Korp għandu jiżgura li ebda membru tal-pubbliku m’għandu jiġi b’xi mod imbarazzat jew umiljat waqt dawn l-investigazzjonijiet.**

- **Il-verita’, l-oġġettivita’ u l-attenzjoni għall-privatezza ta’ l-individwu flimkien ma’ drittijiet fundamentali oħra, għandhom jikkaratterizzaw kull rapport li jsir mill-membri tal-Korp tal-Pulizija meta jkunu qegħdin jagħtu informazzjoni fuq membri tal-pubbliku.**

- **Kull intimidazzjoni fiżika, l-użu ta’ kliem/ġesti dispreġġjattiv/i jew offensiv/i, ċajt/rimarki razzjali jew sesswali jew imġieba oħra mhux korretta f’soċjeta’ demokratika, hija inaċċettabbli minn uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija.**

- **Membri tal-Korp tal-Pulizija għandhom dejjem jagħtu attenzjoni speċjali lil dawk il-gruppi hekk imsejħa vulnerabbli (il-minorenni, l-anzjani, il-persuni b’diżabbilita’, etċ), li minħabba ċ-ċirkustanzi speċjali li jinsabu fihom, jinħtieġu protezzjoni akbar minn ħaddiehor.**

### Kummentarju

Kulħadd jaf li bħala membri tal-Korp tal-Pulizija, aħna qegħdin limitati fin-numru u fil-parti kbira tagħna, m’aħniex armati. Naturalment, ngħixu fost l-istess komunitajiet li aħna nservu. L-awtorita’ tagħna taħt il-liġi hi strettament definita u għaldaqstant, aħna responsabbli personalment għal dawk il-konsegwenzi li aħna nkunu ġibna b’idejna. M’għandna l-ebda poter fuq is-sejba ta’ ħtija jew fuq il-piena ta’ dawk il-persuni li aħna nressqu quddiem il-qrati, filwaqt li l-kontabbilita’ tagħna hi dejjem lejn il-liġi, kemm dik kriminali u kemm dik ċivili, lejn il-ġerarkija tal-Korp u lejn l-opinjoni pubblika.

Fil-qafas legali u kostituzzjonali tal-pajjiż fejn is-soċjeta’, permezz tad-deputati eletti fil-Parlament, tirrikkjedina li ninfurzaw il-liġijiet, l-aktar ‘armi’ essenzjali fl-armerija tagħna żgur li mhux l-armi tan-nar, il-gass tad-dmugħ jew inkella l-lembumbi li nġorru fuqna, iżda, il-protezzjoni tagħna għandha tkun dik il-fiduċja u s-sostenn li ċ-ċittadini juru fina. Fuq kollox, għandna nuru wkoll ċertu sens ta’ rispett lejn id-diversita’ u nkunu toleranti f’imġibitna ma’ persuni li jħaddnu kulturi differenti minn tagħna u dan billi naċċettaw u napprezzaw id-differenza li teżisti bejnietna u billi ma niġġudikawhomx bħala xi ħaġa inferjuri minna.

Bħala investigaturi, huwa d-dover tagħna li naħdmu bl-akbar sens ta’ kuxjenza u t’għaqal sabiex nistabillixxu l-fatt kollha marbuta ma’ xi każ b’mod mill-aktar oġġettiv, ġust u imparzjali. Dan kollu jsarraf sabiex aktar ‘il quddiem inkunu f’pożizzjoni aħjar li nipprovdu ‘l dawk kollha li jistgħu jieħdu xi forma ta’ deċiżjoni dwar il-każ bi stampa mill-aktar ċara, kompleta u oġġettiva ta’ dak kollu li jkun seħħ.

Fl-azzjonijiet tagħna u f'kull deċiżjoni li nieħdu, qatt m'għandna niddiskriminaw lil xi ħadd. Għandna dejjem nħaddnu l-prinċipju ta' l-ugwaljanza u nżommu mar-regola tad-dritt u l-prinċipji tal-ġustizzja kemm dawk naturali kif ukoll dawk kostituzzjonali.

Wara kollox, dan hu li jiddetermina r-relazzjoni tagħna mal-pubbliku, speċjalment fiż-żamma ta' l-ordni u l-kwiet pubbliku. Dan hu li jħallina naħdmu effettivament b'numru żgħir ta' nies, b'poteri limitati u mingħajr l-użu tal-forza jew inkella bl-użu ta' dik il-forza neċessarja kif imfissra fil-liġi.

Għaldaqstant, bħala membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta għandna nassiguraw li -

- nkabbru l-fiduċja tal-pubbliku fina billi nkunu aħna stess l-ewwel li nosservaw il-liġi, inkunu onesti, edukati fl-imġieba tagħna ma' kulħadd, kif ukoll professjonali f'xogħolna;

- nużaw id-diskrezzjoni f'xogħolna b'mod mill-aktar prudenti u fl-istess ħin b'sens ta' ġustizzja ħalli b'hekk il-liġi tiġi applikata b'mod ekwu u ġust ma' kulħadd;

- nikkonsolidaw ir-reputazzjoni tal-Korp tal-Pulizija kemm meta nkunu qed naqdu dmirna kif ukoll fil-ħajja privata tagħna. Waqt il-ħinijet tax-xogħol, għandna nidhru dejjem *smart* u preżentabbli kif jitolbu r-regolamenti, imparzjali u konsistenti fid-deċiżjonijiet li nieħdu, kif ukoll għandna nirreżistu kull xorta ta' pressjoni mhux f'lokha. Bħala uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija għandna bl-akbar sinċerita' nemmnu, li aħna ma ngawdu l-ebda privileġġ fuq ħaddieħor u li l-poteri speċjali huma biss dawk li tagħtina l-liġi, u jistgħu jiġu użati biss fil-parametri tagħha.

## ARREST, ŻAMMA U DETENZJONI

### PRINĊIPJI

- **L-arrest, iż-żamma kif ukoll id-detenzjoni ta' kull persuna għandhom dejjem ikunu kif ipprovdut mil-liġi u skond il-proċeduri irrakkomandati. L-arrest, kif ukoll iż-żamma ta' individwi għandu dejjem isir skond l-interess tal-ġustizzja, meta għażliet oħra jkunu ġew ikkunsidrati bħala mhux tajba jew mhux desiderabbli fiċ-ċirkostanzi.**

- **Għandha tinżamm id-dinjita' u għandhom jiġu irrispettati d-drittijiet tal-persuni kollha arrestati. Ir-regolamenti legali u proċedurali tal-persuni li jkunu fil-kustodja tagħna għandhom jiġu skrupolożament segwiti.**

- **Il-persuni kollha li jkunu fil-kustodja tal-Korp, għandhom jiġu mgħarrfa bid-drittijiet legali tagħhom kif ukoll għandu jingħatalhom kull bżonn bażiku li jkun meħtieġ. Għajnuna medika għandha tingħata kull meta tintalab jew kull meta jkun meqjus neċessarju.**

### KUMMENTARJU

Il-Kostituzzjoni ta' pajjiżna tiggarantixxi lil kull individwu d-dritt kontra l-arrest arbitrarju - jiġifieri l-arrest mingħajr ebda bażi fil-liġi. L-ogħla liġi tal-pajjiż stess tirrikkjedi li l-arrest jista' jsir biss jekk ikun hemm suspett 'raġjonevoli' li dik il-persuna tkun se tikkommetti jew tkun diġa' ikkommettiet delitt punibbli bi priġunerija. Dan ifisser, li sabiex isir arrest, iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ għandhom ikunu tali, li persuna raġjonevoli li tkun qed taġixxi mingħajr ebda passjoni jew preġudizzju, tasal biex tnissel suspett ħafif, li dik il-persuna li fuqha jkun se jiġi affettwat l-arrest, setgħet kienet il-persuna li ikkommettiet ir-reat.[8]

L-uffiċjal tal-Pulizija li jkun qiegħed jesegwixxi l-arrest għandu d-dmir bil-liġi li jinforma l-persuna arrestata bir-raġuni ta' l-arrest tiegħu. Kemm il-Kodiċi Kriminali kif ukoll il-Kostituzzjoni jesiġu, li r-raġunijiet ta' l-arrest għandhom jingħataw mill-uffiċjal li jkun qiegħed jesegwixxi l-arrest dak il-mument stess. Jista' jkun hemm ċirkostanzi speċjali li jagħmluha imprattikabbli jew impossibbli lill-"arresting officer" jwettaq dan id-dmir fil-mument proprju ta' l-arrest. Il-Kostituzzjoni tipprovdi li jekk ikun il-każ (eżempju - il-persuna tkun fis-sakra, jew inkella jkun hemm problema tal-lingwa), il-persuna arrestata għandha tiġi infurmata "kemm jista' jkun malajr" (meta tiġi f'tagħha jew meta jkun hemm il-presenza t'interpretu).

Huwa importanti li l-persuna soġġetta għall-arrest tiġi mgħarrfa bir-raġuni vera ta' l-arrest u mhux b'xi raġuni vagament konessa. Dan sabiex hi mill-ewwel tkun tista' tirregola ruħha fil-konfront tas-suspett partikolari kontra tagħha.

L-arrest għandu dejjem isir skond il-proċeduri li jinstabu fil-Kodiċi Kriminali.

M'hemmx għalfejn ngħidu li meta persuna tiġi arresta jew miżmuma f'għassa jew f'lok ta' detenzjoni, għandha tiġi reġistrata u jinżammilha *record*. Dan ir-*record* għandu fost affarijiet oħra, juri d-dettalji personali, ir-raġuni/jiet u l-awtorita' għall-arrest tagħha. Għandu jinżamm

[8] Ara *Re Shaaban Bin Hussein et.* v *Chong Fook Kam et* (1969) 3 All E.R. 1626, kif ukoll (1) *Joseph Briffa* v *Kummissarju tal-Pulizija,* Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (21 ta' Novembru, 1994) u l-Appell fil-Qorti Kostituzzjonali (14 ta' Ġunju, 1995) u (2) *Tonio Vella* v *Kummissarju tal-Pulizija u Supretendent Carmelo Bonello,* Qorti Kostituzzjonali (5 ta' April, 1991).

ukoll il-ħin ta' meta l-persuna tkun ġiet arresta, il-ħin ta' l-interrogazzjonijiet li jkunu sarulha u l-ħin meta din tkun ġiet ittrasferita għal xi lok ta' detenzjoni ieħor jew irralaxxata mill-arrest. F'dan ir-*record* irid jinżamm ukoll rendikont komplet u preċiż ta' kull ma jiġri mill-ħin inizjali ta' l-arrest tal-persuna sakemm din tkun ġiet ittrasferita għal xi post ieħor jew irrilaxxata mill-arrest tagħha.

L-uffiċjal li jkun inkarigat mill-kustodja ta' persuni arrestati jew detenuti għandu jispjega lil dawn il-persuni, id-dritt tagħhom li jinfurmaw lil xi ħadd tal-familja jew inkella lil xi qarib/ħabib bl-arrest jew bid-detenzjoni tagħhom. Huma għandhom ikollhom aċċess ukoll għall-*Kodiċi ta' Prattika għall-Interogazzjoni ta' Persuni Arrestati*.[9] F'każ ta' arrest ta' persuni vulnerabbli bħal persuni b'diżabbilita', persuni li jbatu b'mard mentali, anzjani jew żgħażagħ taħt is-16-il sena, il-pulizija għandha d-dmir li tibgħat għal dik il-persuna li jkollha l-awtorita' (eżempju: ġenitur jew tutur) jew l-abbilita' jew l-esperjenza li tassisti lil dawn it-talin fil-post fejn ikunu qegħdin jiġu miżmuma.

Il-persuni detenuti kollha huma intitolati għal ċertu *standards* raġjonevoli ta' kumdita' fiżika bħal ikel u xorb adekwat, aċċess għat-toilets, ilbies, materjal ta' kitba u eżerċizzju. Għandu jiġi żgurat li ċ-ċella/post tad-detenzjoni kif ukoll l-aċċessorji ta' ġo fiha/fih jkunu nodfa u fi stat tajjeb ta' matunentazzjoni.

Dejjem għandha tintalab għajnuna medika jekk il-persuna detenuta tkun tidher li qiegħda tbati minn xi marda jew minn xi mard mentali, hi mweġġħa jew inkella tonqos milli tirrispondi b'mod normali għall-mistoqsijiet li jsirulha, jew inkella tkun tidher li għandha bżonn ta' attenzjoni medika. Jekk jingħataw xi struzzjonijiet mediċi mit-tabib li jkun invista lill-persuna arrestata jew detenuta, dawn għandhom jiġu segwiti skrupolożament mill-uffiċjal li jkun responsabbli mil-lok ta' dentenzjoni.[10]

[9] Maħruġ mill-Ministeru ta' l-Intern f'Marzu, 1996. Illum parti mill-*Att dwar il-Pulizija*.
[10] Artikolu 14 - Riżoluzzjoni 690 (1979), *op.cit.*

## L-UŻU TAL-FORZA

### PRINĊIPJI

- **Il-grad ta' forza permess bil-liġi u l-mod ta' kif din għandha tiġi applikata, ivarja skond in-natura u l-gravita' tas-sitwazzjoni li l-pulizija tkun tinsab fiha.**

- **Fejn ma jkun hemm ebda alternattiva oħra, ħlief li tintuża l-forza, il-liġi tgħidilna -**

  **1. Li l-forza użata għandha tkun moderata u proporzjonali għaċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari;**

  **2. M'għandiex tintuża forza aktar milli huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dak l-għan leġittimu li għalih kien hemm l-iskop li din il-forza tintuza.**

  **3. L-użu tal-forza għandu dejjem jitqies bħala miżura purament eċċezzjonali.**

### KUMMENTARJU

Bħala pulizija, aħna ġejna mogħtija l-poter bil-liġi biex jekk tinħass il-ħtieġa, nużaw il-forza. Mingħajr dan il-poter, kif ukoll xi poteri oħra bħall-arrest, ma jkunx possibbli għalina li ninfurzaw il-liġi u nżommu l-ordni. Iżda, fl-istess ħin, huwa fundamentali għalina li qabel ma' tiġi użata xi forma ta' forza, għandu jiġi applikat kull mezz paċifiku possibbli. Huwa f'każ fejn dan ma jirnexxix u **biss** bħala l-aħħar rimedju, li għandha tiġi applikata dik il-forza fl-aktar livell minimu tagħha.[11] L-użu tal-forza irid ikun applikat 'strettament f'bilanċ' ma' dik it-theddida jew vjolenza partikolari u għandu jibqa' jiskala u mtawwal biss sakemm hu meqjus neċessarju. Irridu dejjem nżommu quddiem għajnejna li l-użu ta' forza b'mod arbitrarju qatt m'hu ittollerat.

L-użu ta' l-armi tan-nar jista' jsir <u>biss</u> f'dawn iċ-ċirkostanzi speċjali[12] -

1. bħala mezz ta' difiża leġittima jew ta' l-uffiċjal tal-pulizija innifsu jew inkella ta' individwi oħra minn theddida ta' mewt imminenti jew feriment serju;

2. sabiex ma jsirux delitti serji li jkunu jinvolvu theddida gravi għall-ħajja ta' xi individwu.

F'kull każ, l-użu intenzjonali ta' armi tan-nar għandu dejjem isir meta ma jkun hemm **l-ebda** alternattiva oħra sabiex tiġi prottetta l-ħajja ta' xi individwu. Dawn iż-żewġ prinċipji jgħoddu wkoll għal meta jkun jinħtieġ li tintuża l-forza sabiex jiġu mxejna irvellijiet jew inkwiet ieħor ċivili u saħansitra sabiex tinżamm l-ordni f'postijiet ta' kustodja u detenzjoni. Għaldaqstant, ebda ċirkostanza oħra - li ma tinkwadrax ruħha f'wieħed minn dawn iż-żewġ punti hawn fuq imsemmija - m'hi ġustifikabbli, inkluż l-użu ta' armi meta jkun hemm xi instabbilita' interna jew politika u/jew xi emerġenza pubblika oħra [13].

---

[11] Ara Artikolu 3 tal-*Kodiċi ta' Kondotta tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Liġi* - addottat b'Riżoluzzjoni 34/169 fis-17 ta' Diċembru, 1979.

[12] Ara Prinċipju Bażiku 9 *tal-Prinċipji Bażiċi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Użu ta' Forza u Armi tan-Nar minn Uffiċjali Inkarigati mill-Infurzar tal-Liġi.*

[13] Ara Prinċipju 8 tal-*Prinċipji Bażiċi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Użu ta' Forza u Armi tan-Nar minn Uffiċjali Inkarigati mill-Infurzar tal-Liġi.*

Wieħed ma jridx jinsa' li dan il-poter ta' użu ta' forza, qatt m'għandu jintuża b'mod arbitrarju jew abbużiv. Irridu niftakru li bħala uffiċjali tal-pulizija għandna dejjem ikunu legalment korretti u kontabbli għal dak li nagħmlu. Għandna nżommu quddiem għajnejna, li ubbidjenza għall-ordnijiet superjuri, mhux ikkunsidrata bħala difiża, jekk l-użu tal-forza jew armi tan-nar jirriżulta f'mewt jew feriment serju u dik l-ordni kienet manifestament illegali fejn saħansitra jirriżulta li kellna kull opportunita' raġjonevoli li nirrifjutawha.[14]

Għaldaqstant bħala uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta għandna naraw li waqt użu ta' forza/armi -

- naġixxu proporzjonalment skond is-serjeta' u l-gravita' tar-reat sabiex nilħqu l-iskop legittimu taghna[15];

- nnaqqsu kemm jista' jkun il-ħsara kemm materjali u kemm fiżika u li nirrispettaw id-dritt tal-ħajja;

- niżguraw li għandha tingħata kull assistenza medika lil kull persuna midruba jew affettwata mill-azzjonijiet tagħna; u li l-qraba jew ħbieb ta' persuni hekk affettwati, għandhom jiġu avżati mill-aktar fis possibbli.

---

[14] Ara Prinċipju 25, *ibid.*

[15] Ara l-każ *McCann u Oħrajn* v *Ir-Renju Unit* - Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (27 ta' Settembru, 1995, 17/1994/464/545).

## Xhieda u Evidenza

### Prinċipji

- **Ix-xhieda u evidenza fil-qorti għandha tiġi mogħtija u ippreżentata b'onesta' u mingħajr ebda xaqlib lejn naħa jew oħra jew bi preġudizzju.**

- **Il-fabbrikazzjoni, il-gideb, it-tibdil jew il-ħabi ta' evidenza huma vjolazzjonijiet serji tal-liġi u m'għandhom qatt ikunu ittollerati.**

### Kummentarju

Il-punt kardinali hu, li l-ebda uffiċjal tal-pulizija ma jista' jmur kontra l-proċess tal-liġi. Jekk xi uffiċjal tal-pulizija jkun qed jaġixxi 'l fuq mil-liġi, hu jkun qed jeqred il-fiduċja tal-pubbliku li dan juri fih.

Ir-responsabbilita' tagħna li niżguraw li kriminal jinstab ħati u jeħel wara li jgħaddi proċeduri fil-qorti, xi kultant tista' ġġib kunflitt f'xi membri tal-Korp billi dawn joħorġu 'l barra mil-limiti li tagħtihom il-liġi u jaraw kif jagħmlu u jgħawġu l-fatti f'tentazzjoni sabiex tintefa' ħtija fuq dak l-individwu li jkun ġie mressaq quddiem il-qrati. Dan hu att illegali u m'għandux isir. L-azzjonijiet tal-membri tal-Korp tal-Pulizija kollha jridu jidhru li huma ġusti minħabba l-fatt li jekk ma jkunux hekk, is-sistema tikkrolla għax tintilef dik il-fiduċja u tonqos il-koperazzjoni tant meħtieġa bejn il-pulizija u l-membri tal-pubbliku.

## OBBLIGAZZJONIJIET TAL-MEMBRI TAL-KORP TAL-PULIZIJA

### PRINĊIPJU

- **Il-kompetenza professjonali titfa' fuqna obbligu morali li ċertament, bħala membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, għandna nħaddnu fl-interess tal-pubbliku u l-professjoni tagħna. Sinjali ta' dgħjufija u inkompetenza jistgħu jissarrfu f' periklu għall-pubbliku, kif jistgħu jkunu wkoll ċertu nuqqasijiet fil-karattru tagħna u żballji fil-ġudizzju li nieħdu.**

### KUMMENTARJU

Bħala membri tal-Korp, għandna -

1. nkunu lejali lejn il-ġurament tal-ħatra tagħna, lejn il-professjoni tagħna u lejn il-prinċipji li fuqhom din hi mfassla;

2. nżommu l-integrita' tal-Korp billi nimxu mal-liġi li wara kollox hi r-responsibbilita' tagħna li ninfurzaw u billi naħdmu b'fiduċja, b'sostenn u b'rispett mal-kollegi tagħna;

3. nirrispettaw l-għanijiet, l-oġġettivi u d-direttivi tal-Korp billi naqdu dmirna b'mod professjonali;

4. nippruvaw intejbu l-livell ta' għarfien tagħna kull meta jkun opportun. Għalkemm it-taħrig u l-edukazzjoni waħedhom ma jiggarantixxux il-kompetenza, jgħinu iżda biex i
l-membri tagħna jilħqu dak il-livell meħtieġ fix-xogħol tagħhom.

L-integrita' u l-onesta' ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta għandha testendi wkoll fil-ħajja privata u personali tiegħu/tagħha. L-ebda membru tal-Korp m'għandu jagħmel attivitajiet li jistgħu jġibu stmerrija lilu nnifsu jew lill-Korp in ġenerali, jew li jnaqqsu l-effiċjenza tiegħu jew tagħha fit-twettiq ta'dmirijietu/ha.

Li membru tal-Korp tal-Pulizija jkun affiljat jew jieħu sehem attiv jew fil-miftuħ ma' xi partit politiku jew ma' xi għaqda b'għanijiet partiġġjani, huwa assolutament ipprojbit. Membri tal-Korp lanqas ma jistgħu jipparteċipaw f'xi attivita' li aktarx tfixkel il-qadi lejali u imparzjali tad-dmirijiet tagħhom jew li aktarx tqajjem l-impressjoni fost il-membri tal-pubbliku li tista' hekk tfixkel.

Il-fatt li int membru tal-Korp tal-Pulizja ta' Malta ma jagħtikx dritt għal xi privileġġi jew drittijiet speċjali u jekk int qiegħed tistenna xi ħaga simili, ibqa' ċert li dan se jirrifletti ħażin fuqek u fl-aħħarnett fuq il-Korp kollu. M'għandek qatt tħallat l-interessi privati tiegħek mal-pożizzjoni li tokkupa fil-Korp.

Kull membru tal-Korp għandu jirreżisti kull tentattiv li jikkomprometti l-imparzjalita' jew jipperikola l-integrita' tal-Korp. Għaldaqstant, membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta qatt m'għandu jaċċeta rigali, favuri jew xi tnaqqis fi prezzijiet jew xi ospitalita' li tista' tidher li tkun qed tikkompromettih fid-dmirijiet tiegħu attwali jew futuri. Huwa obbligu tiegħu li jekk ikollu għarfien fuq xi membru ieħor tal-Korp li jkun qed iġib ruħu b'dan il-mod, jinforma minnufih lit-Taqsima ta' l-Affarijiet Interni tal-Korp.

Il-membri tal-pubbliku għandhom id-dritt għall-privatezza tagħhom. It-tkixxif ta' informazzjoni b'mod ħażin, tista' tikser dak id-dritt u ittappan ir-reputazzjoni tal-Korp u l-kunfidenza tal-pubbliku fina. Il-membri tal-Korp tal-Pulizija huma meħtieġa li josservaw strettament il-kunfidenzjalita' fuq kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-Korp, sakemm il-liġi jew inkella xi obbligazzjonijiet oħra li joħorġu mill-qadi ta' dmirijietna ma jitolbux mod ieħor.

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta kif ukoll il-membri tiegħu huma kontabbli lejn il-liġi, il-pubbliku u lejn il-ġerarkija tal-Korp. Aħna naġixxu f'isem il-liġi u f'isem il-pubbliku u huwa proprju għal dan il-għan li għandna nieħdu ħsieb sew kif inħaddmu u nikkontrollaw bil-għaqal ir-riżorsi li l-istat jafda f'idejna. Din hi responsabbilita' li taqa' fuq kull wieħed u waħda minna.

**Nota:** Dan hu biss kodiċi t'etika bażiku u huwa fil-parti l-kbira tiegħu mnebbaħ minn Rakkomandazzjoni Rec (2001)10 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Għaldaqstant, għandu dejjem jiġi ikkumplimentat b'konvenzzjonijiet, każistika, kodiċijiet ta' prattika u/jew liġijiet oħra, kemm lokali kif ukoll internazzjonali li jidħlu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

Kull min imur kontra xi prinċipju li jinstab f'dan id-dokument, jista' jkun soġġett għall-proċeduri dixxiplinarji kontrih.

**Pulizija ta' Malta**
**Ufficcju Strateġija u Ippjanar**
**Floriana - CMR02**
***Tel: 21 224001/21 252562***